MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 564/2003

**B.A.S Limited**

**vs**

**Aztech Limited (C14763)**

**Seduta ta' nhar l-erbgha, 24 ta' Marzu,2004**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici l-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' tlett elef, mija u tnejn u sebghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM3,172.29), bilanc fuq somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' servizzi u spejjez ancillari moghtija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess in konnessjoni ma' garr ta' merkanzija, liema ammont kien thallas permezz ta' cekk li kellu jissarraf fil-21 ta' Ottubru 2003, izda li gie "referred to drawer".

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2396/03 ippresentat fis-6 ta' Novembru 2003, kif ukoll tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 2003 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' tlett elef, mija u tnejn u sebghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm3,172.29), bilanc fuq somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' servizzi u spejjez ancillari moghtija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjed kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------